LOMBARD

**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA**

## Lombard Bank Malta p.l.c – Riżultati Finanzjarji għas-sena 2012

Waqt laqgħa tal-Bord tad-Diretturi ta' Lombard Bank li saret nhar il-Ħamis 14 ta' Marzu 2013, ġew approvati r-riżultati finanzjarji preliminari tal-Lombard Group fejn kien irrapurtat profit qabel it-taxxa ta' €9.4 miljun għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2012 u li jirrappreżenta tnaqqis ta' kważi 15% fuq is-sena ta' qabel. Dan it-tnaqqis seħħ b'riżultat ta' tranżazzjonijiet mhux rikorrenti, li saru fl-2011 (bejgh ta' investimenti) kif ukoll ċaqlieq negattiv fir-rati postali internazzjonali.

Il-Bord ikkonsidra r-riżultat bħala pożittiv meta wieħed iħares lejn is-sentiment ekonomiku negattiv fis-swieq internazzjonali. Il-Bank baqa' attent li jżomm l-istrateġija tiegħu li jrawwem relazzjonijiet fit-tul u b'saħħithom ma' firxa wiesgħa ta' klijenti filwaqt li jsegwi strateġija li biha jsaħħaħ il-bażi kapitali tiegħu u livell għoli ta' likwidita'.

Id-depożiti baqgħu stabbli (€462 miljun) b'rati ta' imgħax kompetittivi imma realistiċi. Il-Bank kompla wkoll jiżviluppa relazzjonijiet bankarji internazzjonali b'effett pożittive fuq id-dħul.

Is-self lill-klijenti żdied bi 3% għal €320 miljun. Il-finanzjament għal proġetti fil-qasam tal-proprjeta' baqa' l-element prinċipali tal-portafoll tal-Bank filwaqt li l-immaneġġjar bil-għaqal tar-riskju baqa' kruċjali biex jiżgura l-vijabilita' fit-tul ta' proposti min-negozji. Iż-żieda fl-*Impairment Allowances* ta' €985,000 kienet meqjusa bħala waħda adegwata.

Il-*Capital Adequacy Ratio* ta' 18.5% tal-Bank kien aktar minn dak meħtieġ ta' 8% u, flimkien ma' *Loan to Deposit Ratio* ta' 69%, ikkonferma aspetti b'saħħithom fil-*Balance Sheet.* Il-Bank reġa' għal darb'oħra kkonferma li ma huwiex espost għal titoli barranin, sovrani jew ażjendali.

Waqt il-laqgħa, il-Bord tad-Diretturi ppropona li l-Laqgħa Annwali Ġenerali li jmiss tapprova dividend gross ta' €0.12 kull sehem, li jitħallas lil dawk l-azzjonisti li jidhru fuq ir-reġistru tal-kumpanija fil-25 ta' Marzu 2013 kif ukoll Bonus Share Issue ta' sehem għal kull għaxra lil dawk l-azzjonisti li jidhru fuq ir-reġistru tal-kumpanija fis-27 ta' Mejju 2013. Ġie propost li dan il-ħruġ ta' ishma jkun iffinanzjat bil-kapitaliżżazzjoni ta' riżervi li jammontaw għal €902,318.

F'kumment li għamel Joseph Said, Direttur u Kap Eżekuttiv tal-Bank qal: *"Meta tħares lejn is-sena li għaddiet, il-Grupp baqa' fuq it-triq ta' stabilita' u tkabbir sostenibbli. Dan ipprovda dħul tajjeb lil partijiet interessati, u dan minkejja żminijiet ekonomiċi difficli. Se nibqgħu kawti imma ottimisti li r-reżistenza tagħna tgħinna nisfruttaw opportunitajiet li jinħolqu fl-2013 u lil hinn.*

*Lombard Bank se jkompli jagħmel enfasi fuq il-ħtiġijiet tal-klijent u jwettaqhom b'mod effettiv."*